24 ta' Novembru, 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Teresa Vella *versus* Maria Assunta Vella et.

**Testment — Interpretazzjoni — Użufrutt.**

*Huwa kompitu tal-ġudikant li jinterpreta t-testmenti; u fl-interpretazzjoni ta' testment għandu jittieħed riguard pjuttost għall-volontà tat-testatur milli għall-kliem użat fit-testment.*

*Fil-każ preżenti, it-testatur ħalla l-użufrutt ġenerali ta' l-assi ereditarju tiegħu lil martu, u ħalla bi prelegat lill-ulied kollha l-użufrutt ta' ditta li kienet tifforma parti minn dak l-assi, fil-waqt illi l-proprjetà ta' dik id-ditta ħalliha lil wieħed mill-istess ulied; u salvi dawn id-dispożizzjonijiet, istitwixxa lill-ulied kollha bħala*

*werrieta tiegħu. Il-Qorti rriteniet illi dak it-testment kellu jiġi interpretat fis-sens illi l-użufrutt imħolli ta' dik id-ditta lill-ulied kellu jibda wara li jkun spiċċa l-użufrutt ġenerali mħolli lill-mara tat-testatur, għax din kienet tidher il-volontà tat-testatur mill-kompless ta' dawk id-dispożizzjonijiet kontenuti fl-istess testment.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, wara li tippermetti illi fit-2 ta' Ottubru 1941 (dok. A) miet William Vella, missier il-kontendenti kollha barra l-konvenuta Maria Assunta Vella, martu, b'testment "unica charta" riċevut minn Nutar Dr. Edwin Pantalleresco fit-18 ta' Mejju 1938 (dok. B); u illi fl-imsemmi testment hija ġiet istitwita bħala waħda mill-eredi ta' missierha, u ġie lilha mħolli mal-konvenuti l-oħra, fi kwoti ugwali, bħala prelegat, l-użufrutt tad-ditta "Sebastian Vella & Sons — Saltfish"; u illi hija ma tridx tibqa' in komunjoni mal-konvenuti; u illi l-konvenuti Paolo, Sebastiano u John, aħwa Vella, qegħdin jamministraw l-imsemmija ditta, u sal-lum ma rrendewlha ebda kont, u lanqas ma tawha sehemha mill-użufrutt li hija għandha tipperċepixxi skond l-istess testment; titlob illi, wara li jingħataw d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, (1) ikun likwidat l-assi soċjali konjugali ġa eżistenti bejn il-konvenuta Maria Assunta u l-mejjet William Vella, żewġha, bil-li jkun dikjarat jikkonsisti f'dawk il-beni kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; (2) dana l-assi, hekk likwidat, ikun maqsum f'żewġ porzjonijiet xorta, li minnhom waħda tiġi assenjata lill-assi partikulari tal-konvenuta Maria Assunta Vella u l-oħra lill-assi partikulari tal-mejjet William Vella; (3) ikun likwidat l-assi partikulari ta' William Vella, billi jkun dikjarat jikkonsisti f'nofs l-assi soċjali konjugali kif fuq likwidat u fil-beni l-oħra kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; (4) dana l-assi, hekk likwdat, ikun maqsum bejn il-kontendenti suġġetti għall-użufrutt tal-konvenuta Maria Assunta Vella fi tmien porzjonijiet ugwali, u lil kull wieħed mill-aħwa Vella tiġi assenjata l-ottava (1/8) parti ta' l-istess assi in diviżjoni; (5) il-konvenuti Paolo, Sebastian u John aħwa Vella, ikunu kundannati jirrendu kont tal-ġestjoni ta' l-imsemmija azjenda mill-mewt tad-decujus; (6) u jħall-suha sehemha spettanti mill-użufrutt kostitwit mill-awtur

komuni fuq l-imsemmija azjenda li, okkorrendo, għandu jiġi likwidat per mezz ta' perit li jiġi nominat mill-Qorti; (7) jiġu nominati perit biex jagħmel il-likwidazzjonijiet u d-diviżjonijiet fuq mitluba, nutar biex jippublika l-att relativ, u kuraturi biex jirrappreżentaw lill-kontumaċi. B-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-20 ta' Novembru, kontra l-konvenuti, li ġew inġunti biex jidhru għas-subizzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mill-verbal tas-seduta fuq imsemmija, il-kontendenti jaqblu illi qabel xejn jiġi deċiża l-kwistjoni, li l-eżitu tagħha evidentement jinfluwixxi fuq il-likwidazzjoni u diviżjoni ta' l-assi ereditarju ta' William Vella, jekk il-prelegat imħolli mill-istess William Vella lill-uliedu, fosthom l-attriċi, bl-artikolu (4) tat-testment tiegħu, magħmul "unica charta" ma' martu, il-konvenuta Maria Assunta Vella, fl-atti tan-Nutar Dr. Edwin Pantalleresco fit-18 ta' Mejju 1938, għandux jiġi konsegwit mill-imsemmijin prelegatarji qabel il-mewt ta' l-imsemmija Maria Assunta Vella, li bl-artikolu (2) ta' l-istess testment żewġha ħallielha l-użufrutt ġenerali ta' l-assi ereditarju tiegħu, kif tippretendi l-attriċi, jew inkella jekk dik il-prelegat għandux jiġi konsegwit mill-istess prelegatarji wara illi jispiċċa l-użufrutt ġenerali ġa msemmi, jiġifieri wara l-mewt ta' l-istess konvenuta Maria Assunta Vella. Fi kliem ieħor, irid jiġi eżaminat jekk l-imsemmi prelegat, jew l-użufrutt tad-ditta "Sebastian Vella & Sons — Saltfish", kellux, fl-intenzjoni tat-testatur, jibda wara l-mewt ta' l-ewwel wieħed mit-testaturi, kif tippretendi l-attriċi, jew wara illi jkun miet l-aħħar superstiti fost it-testaturi, kif jallegaw il-konvenuti. Din hi kwistjoni ta' interpretazzjoni ta' l-imsemmi testment, u b'mod partikulari taż-żewġ artikoli fuq imsemmew; liema interpretazzjoni hemm bżonn li ssir billi l-kontendenti jagħtu tifsir differenti lil dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, kif jidher minn noti ta' l-osservazzjonijiet tagħhom rispettivi;

Illi hu kompitu tal-ġudikant li jinterpreta it-testmenti. "La regola dell'art. 967 del Codice Civile implica necessariamente per il giudice incaricato di indagare le intenzioni di un testatore larghissimi poteri d'interpretazione" (Baudry —

Lacantinerie, Delle Donazioni tra Vivi e dei Testamenti, Vol. II, para. 1841). "Il testamento è l'espressione delle ultime volontà del defunto; se la manifestazione della volontà del testatore è incerta, bisogna interpretarla; l'interpretazione è il diritto e il dovere del magistrato" (Laurent, Diritto Civile, Vol. XIII, para, 125). "L'interpretazione della volontà di un testatore spetta insindacabilmente ai giudici del merito" (Coen, Interpretazione dei Testamenti, no. 1431). Fl-interpretazzjoni ta' testment għandu jittieħed rigward pjuttost għall-volontà tat-testatur milli għall-kliem (Koliez. Vol. XXVIII-II-58; Pothier, Tomo III, pag. 621, Tomo IV, pag. 672); u l-intenzjoni tat-testatur, "anzicchè nei termini della locuzione controversa, va ricercata nell'intero contesto delle disposizioni" (Coen, ibid. no. 1441);

Illi ma hemmx bżonn jingħad illi f'dan il-każ trid tiġi interpretata l-volontà tat-testatur biss. Dana, fit-tieni artikolu tat-testment ġa msemmi, ħalla l-użufrutt ġenerali ta' l-assi ereditarju tiegħu lill-martu, il-konvenuta Maria Assunta Vella, bl-eżenzjoni mill-obligu legali tal-formazzjoni ta' l-inventarju u tal-prestazzjoni tal-kawzjoni; bl-artikolu erbgħa ta' l-istess testment huwa ħalla bi prelegat lill-uliedu kollha, jiġifieri l-attriċi u l-konvenuti, barra l-imsemmija konvenuta Marija Assunta Vella, fi kwoti ugwali, l-użufrutt li ġa ssemma tad-ditta "Sebastian Vella & Sons — Saltfish"; l-istess ditta, bl-avvjament tagħha u kull ma fiha, it-testatur ħalliha bi proprjetà bħala prelegat lit-tliet uliedu l-konvenuti Paolo, Sebastiano u Giovanni, aħwa Vella. Bl-artikolu ħamsa, mbgħad, ta' l-imsemmi testment, it-testatur, salvi d-dispożizzjonijiet fuq imsemmija, innomina bħala werrieta tiegħu l-imsemmijin uliedu in parti ugwali, bis-sostituzzjoni volgari ta' wliedhom u tad-dixxendenti tagħhom, u in difett bid-dritt ta' l-akkrexximent bejniethom;

Illi mill-kontest kollu ta' dawn id-dispożizzjonijiet jidher illi għandha tipprevalixxi l-allegazzjoni tal-konvenuti, fis-sens li l-volontà tat-testatur kienet dik illi l-prelegat ta' l-użufrutt ta' uliedu kellu jibda jgħaddi wara illi tkun mietet martu, jekk huwa jmut qabilha. U tabilħaqq:—

1. Fit-tieni artikolu tat-testment ġie mħolli lill-konve-

nuta *Maria Assunta Vella* l-użufrutt "*ġenerali*" ta' l-assi *ereditarju* tat-testatur, jiġifieri mingħajr ebda eċċezzjoni u mingħajr ebda riferenza għall-użufrutt *imħolli minnu* lill-uliedu *fl-artikolu erbgħa*. Kieku t-testatur ried jeċċettwa mill-ewwel użufrutt it-tieni wieħed, jew ma kienetx tintuża l-kelma "*ġenerali*", jew almenu fit-tieni *artikolu* tat-testment kienet tintagħmel xi riferenza għalih bħal ma saret fl-artikolu ħamsa, fejn l-istituzzjoni ta' l-eredi ġiet magħmula "salvi d-dispożizzjonijiet *li kienu saru qabel*";

2. Il-prelegat ġie mħolli taħt *il-kondizzjoni*, fost oħrajn, *li* "wara l-mewt tat-testatur" kellu jidher fid-ditta msemmija u jieħu x-xogħol tagħha u r-responsabilità, li allura kellu t-testatur, il-konvenut *Paolo Vella*. Għalhekk l-intenzjoni tat-testatur għandha titqies illi kienet illi l-prelegat kellu jittieħed minnu wara l-mewt ta' martu, jekk hu wa jmut, kif miet, *qabilha*;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi billi tiddikjara illi d-ditta fuq imsemmija tinsab kompriża *fl-użufrutt ġenerali* tal-konvenuta Maria Assunta Vella, imħolli lilha minn żewġha, u l-prelegat ta' l-istess ditta mħolli lill-uliedu minn William Vella għandu għalhekk jiġi *konsegwit* minnhom wara l-mewt ta' l-imsemmija konvenuta Maria Assunta Vella, ommhom. Minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu bejn *il-kontendenti* mingħajr taxxa; imma d-dritt tar-Reġistru għandu jitħallas mill-attriċi. Il-kawża tibqa' mħollija "sine die", riappuntabili wara li din is-sentenza *tkun għaddiet f'ġudikat*, biex titkompla fill-meritu.